# ĠIMGĦA MQADDSA 2015



**Għaqda Każin Banda San Filep**
**AD 1851**

Is-Sindku **Alfred Grixti**
u s-Sinjura **Angela Grixti**
jawguraw l-Għid it-Tajjeb
lir-residenti kollha ta'
Ħaż-Żebbuġ.



# Alfred Grixti

**Esperjenza • Serjetà • Ideat • Ottimiżmu**

alfred.grixti@gmail.com
7940 3643

# Eżami għal Żmien ir-Randan

## F'liema livell tinsab il-Mixja Spiritwali Tiegħek?

**Kitba ta' Fr Philip Cutajar ofm**



*L-attitudni tat-talb u ta' għemejjel oħra li jgħinuk taħseb f'Alla, il-kapaċità li toqgħod ħinijiet twal fis-skiet u l-imħabba li qed turi mal-proxxmu tiegħek permezz tal-opri tajba li tagħmel jistgħu jkunu sinjali ta' fejn jinsab "it-termometru" tal-ħajja spiritwali ta' kull wieħed minna.*

Hawnhekk sejrin nippreżentaw bħal '*test*' – eżami ħafif sabiex speċjalment f'dan iż-żmien tar-Randan Imqaddes – żmien ta' grazzja u żmien ta' konverżjoni – naraw ftit fejn jinsab il-livell tal-ispiritwalità nisranija li aħna msejjħin biex ngħixu.

Għalkemm il-fidi ma tistax tqisha… però dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk sabiex tara ftit fejn int.

**Fejn int fil-Ħajja Spiritwali Tiegħek?**

1. Jiswielek ħafna tbatija bl-għan li toqgħod ħin twil fis-silenzju? X'tagħmel meta tkun qiegħed waħdek? Id-dar? Fil-kampanja? F'xi ġurnata rtir? Fi knisja?
2. Il-mod kif tfassal il-programm tal-ġurnata tiegħek qiegħed tħalli ħin biżżejjed biex titlob? Waħdek? Mal-familja?
3. Kif qed tinvesti l-jum tal-Ħadd? Mistrieħ biss? Qed issib ħin biex tipparteċipa għall-quddiesa u ħin biżżejjed għall-familja tiegħek?
4. It-talb u eżerċizzji oħra devozzjonali jdejquk? Taħrab dak kollu li huwa reliġjuż għax tħossu jinbuttak?
5. L-ansjetà, il-korla u r-rabja jirkbuk faċilment fil-ħajja tiegħek ta' kuljum?
6. Għalkemm tħoss li qed tgħix komdu, però tħoss li ħajtek hija vojta? Jonqos xi ħaġa oħra li tagħmel f'ħajtek bl-għan li tħossok realizzat u ferħan?
7. Jirnexxielek tuża tajjeb il-ħin tiegħek? Tlaħħaq tagħmel kollox?
8. Tħoss li inti bniedem tolleranti? Tfittex l-aspett pożittiv ta' kull sitwazzjoni li tgħaddi minnha f'ħajtek?

• ikompli f'paġna 8











*Ftuħ tal-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa 2014 fil-Każin Banda San Filep mis-Sindku Alfred Grixti*











*Mro Michael Ciantar idderieġa l-banda taż-żgħażagħ. Tkellmu Dr Joseph F. Grima, Philip Balzan, is-Sindku Alfred Grixti u Dr Philip Sciortino. Compére kienet Graziella Attard.*

# Programm tal-Ftuħ tal-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep

Jippresiedi Mons. Aldo Cavalli, Nunzju Apostoliku

**Bis-sehem tal-Banda taż-Żgħażagħ fi ħdan il-Banda San Filep taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Ciantar**

L-Erbgħa 25 ta' Marzu 2015 fis-7.30pm

- **Merħba mill-Kumitat Organizzattiv tal-Wirjiet** — Josef Cachia
- **Banda taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep**
  - o Innu — **Jerusalem** — C.H.H.Perry
  - o Tema — **mis-Sinfonia nru 1** — Johannes Brahms
  - o Marċ Funebri — **He's No More** — K. Coleiro
- *Qari: **Mater Dolorosa*** — *Rużar Briffa* — Taqra' Jessica Micallef
- **Il-Filmat tal-Purċissjoni tal-1928**
- **Taħdita:** ***Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta*** — Dr Joseph F. Grima
- **Banda taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep**
  - o Welsh Folk Song — **The Ash Grove** — arr. Larry Neeck
    (Solo trumpet: Francesco Mousu)
  - o Marċ Funebri — **Remembrance** — Garofalo
- **Diskorsi tal-okkażjoni:**
  o **Mons Aldo Cavalli** - Nunzju Apostoliku
  o **Dr. Philip Sciortino -** President tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851
- Inawgurazzjoni u tberik tal-wirja minn *Mons Aldo Cavalli*
  Compère: Graziella Attard

Il-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Parroċċa ta' San Filep nhar il-Ġimgħa 3 t'April 2015

# Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa b'sitt taqsimiet

## Każin Banda San Filep, 12, Misraħ San Filep

Wirja b'tiżwiqa ta' xogħlijiet artistiċi ppreżentati b'effetti viżivi u akkumpanjati b'kummentarji informattivi u mtellgħin b'mod professjonali fuq disinn ta' Alfred Camlleri Cauchi. Il-wirja qiegħda f'bini wieħed u hija mqassma hekk:

1. **Iċ-Ċenaklu** *(f'kantina antika)*
2. **Il-Kruċifissjoni** *(f'sala kbira fis-sular ta' fuq)*
3. **Id-Difna** *(f'xelter taħt l-art)*
   L-istatwi kbar (lifesize) f'dawn it-tliet taqsimiet huma xogħol il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.
4. **Sett ta' vari żgħar** *(maħduma minn l-aħwa Joseph u Anthony Magri)*
5. **Sett ta' xeni mill-Via Crucis** *(alto-riljevi xogħol l-artist Antonio Mifsud)*
6. **Il-Qawmien** (awdjo-viżiva)

Ħinijiet tal-ftuħ:

- mill-Ħamis 26 ta' Marzu sal-Ġimgħa 3 ta' April 2015
- kuljum mill17.30 sat-20.30
- Ħamis ix-Xirka: 10.00 - 12.00 u 18.00 - 23.00
- Il-Ġimgħa l-Kbira: 10:00 - 13:00 u 16.00 - 22.00
  Id-dħul għal din il-wirja huwa minn Triq Sciortino kif ukoll minn Misraħ San Filep.





Al & Keez Boutique
Al & KEEZ BOUTIQUE
No2, Paris Str, Zebbug Malta
Mobile: 99999366
marcelle184@hotmail.co.uk
All & Keez Boutique
Open' hours from 08.00-12.00 and 16.00-19.00
Adults/ Kids, baby clothing & underwear for all family needs


attrans.com
delivering more than just goods.
GROUPAGE AND FULL LOAD MOVEMENTS, FREIGHT FORWARDING,
TEMPERATURE CONTROLLED LOGISTICS & CAR TRANSPORT SERVICES.
Offered to and from any European destination, Asia & North Africa.
ATTRANS
International Transport
OFFICES IN: MALTA | ITALY | NETHERLANDS
E. info@attrans.com T. +356 2258 5500










• ikompli minn paġna 1

9. Tieħu attitudni ta’ kritika għal kulma jsir u jingħad? Tip li tħobb timponi lilek innifsek?
10. Tħoss li Alla mhux qed jisma’ t-talb tiegħek? Ma jħobbokx? Insiek?
11. Inti kapaċi tagħraf id-difetti u d-dnubiet tiegħek u titlob maħfra?
12. Inti kapaċi trodd ħajr lil Alla u anke lil dawk ta’ madwarek għall-ġid kollu li tirċievi mingħandhom?

**<u>Tweġibiet</u>:**

Jekk fir-risposti tiegħek weġibt b’dan il-mod:
1 Iva. 2 Le. 3 Le. 4 Iva. 5 Iva. 6 Iva. 7 Le. 8 Le. 9 Iva. 10 Iva. 11 Le. 12 Le: ngħidlek li għad baqagħlek x’tirranġa fil-ħajja tiegħek. Il-livell tal-ħajja spiritwali tiegħek huwa pjuttost baxx. Huwa l-mument li iddur aktar lejn Alla. Kuraġġ!

Jekk fir-risposti tiegħek weġibt b’dan il-mod:
1 Le. 2 Iva. 3 Iva. 4 Le. 5 Le. 6 Le. 7 Iva. 8 Iva. 9 Le. 10 Le. 11 Iva. 12 Iva:

nifraħlek għax jidher ċar li qed twettaq l-impenn tiegħek sabiex il-ħajja spiritwali tiegħek tkun aħjar. Però tafdax. Oqgħod attent. Ħadd mhu perfett.

Jekk fir-risposti tiegħek la weġibt “iva” u lanqas “le”, imma “ma tantx” jew “kultant”, ngħidlek sabiex tfittex li tkun aktar ordnat u paċenzjuż. Kuraġġ! Ibqa’ miexi ’l quddiem u taqtax qalbek.

Jekk weġibt f’mod oħra jidher ċar li inti tinsab fi proċess ta’ konverżjoni. Approfitta minn dan iż-żmien tar-Randan Imqaddes ħalli tissaħħaħ bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Huwa żmien ta’ grazzja! Żmien ta’ salvazzjoni!


Vanity Fare

Cosmetics, Perfumes,
Agent for: Hair Accessories



109, Triq Frans Sammut
*(qabel magħrufa bħala Triq l-Isqof Caruana)*
Żebbuġ, Malta
*Tel: 2146 3813 • Mob: 9927 7295*

Find us on Facebook

# L-Oriġini tal-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Gżejjer Maltin

**Kitba ta' Dr Joseph F. Grima**



*Dr Joseph Grima għamel dan id-diskors waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-wirja tal-2014 fil-Każin Banda San Filep.*

Daż-żmien, f'Malta u Għawdex jiġu organizzati xejn anqas minn dsatax-il purċissjoni li fihom tiġi kommemorata l-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej Ġesù Kristu. Ovvjament, dawn il-manifestazzjonijiet ma nibtux ilkoll flimkien iżda żdiedu waħda wara l-oħra fi proċess li ħa l-mijiet tas-snin, minn tmiem is-seklu sittax sat-tieni nofs tas-seklu għoxrin biex inkunu aktar preċiżi. Iżda, wieħed jistaqsi, "Kif bdew dawn il-purċissjonijiet? Kif u minn fejn oriġinaw? Għandna xi ħjiel dwar il-bidu tagħhom jew xi dati preċiżi dwar l-ewwel manifestazzjonijiet lokali tal-Passjoni ta'Ġesù?"



*La Macarena – l-aktar statwa magħrufa tal-Madonna tad-Duluri f'Sivilja, Spanja*

Niġu mal-ewwel għall-punt kardinali u ngħiduha ċara u tonda li hi ħaġa ferm diffiċli, jekk mhux impossibbli wkoll, li wieħed jirnexxielu jistabbilixxi d-data eżatta tal-oriġini tal-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta għalkemm teoriji riżultat tal-entużjażmu qatt ma naqsu. Teorija mhix fatt konkret u qatt mhi msaħħa bi provi ċari u rrifjutabbli, partikolarment dokumentar awtentiku; għaldaqstant, għandha dejjem titqies bl-akbar kawtela u m'għandhiex tingħata l-awra ta' fatt. Madankollu, tajjeb li naraw safejn jista' jwassal l-entużjażmu u hawnhekk ser nikkwota żewġ teoriji, pjuttost simili għalkemm b'varjazzjoni, li ħarġu mill-immaġinazzjoni fertili ta' kittieb/riċerkatur li ħalla lil qalbu

tikkmandalu lil moħħu minkejja li tul ħajtu kiteb ukoll diversi xogħlijiet interessanti u ta' min jorbot fuqhom.

Qed nirreferi għall-mibki John Bezzina li ħareġ bit-teorija li l-purċissjonijiet tal-Passjoni bdew f'Malta qabel il-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann fl-1530 meta rġiel minn Ħal Qormi, u hawn nikkwota minn żewġ kitbiet bi traduzzjoni libera mill-Ingliż, "*sabu ruħhom fuq ix-xwieni tal-familja Nava fil-perjodu medjevali u fuq dawk tal-Kavallieri mis-seklu sittax 'il quddiem. F'dawn il-vjaġġi annwali kmieni fir-Rebbiegħa, uħud minn dawn ix-xwieni bil-fors li ankraw fi Spanja, il-pajjiż omm* [ta' Malta] *tal-perjodu medjevali, fi żmien ir-Randan u l-Għid il-Kbir. Jista' jkun li raw waħda jew aktar mill-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira organizzati hemmhekk. Dan l-aveniment seta' daħħlilhom f'rashom il-ħsieb li jibdew* [jorganizzaw] *purċissjoni simili fir-raħal tagħhom ta' Ħal Qormi*."[1] U jkompli l-istess kittieb fuq l-istess linja ta' ħsieb: "*Qabel ma ġew il-Kavallieri fl-1530 … sena wara sena ambaxxaturi Maltin marru Spanja biex jitolbu bi dritt ċerti privileġġi mingħand is-sultan Spanjol. Dawn l-ambaxxati lejn Spanja kienu jseħħu kmieni fir-Rebbiegħa u n-nobbli Maltin, li kienu ta' dixxendenza Spanjola, bilfors li raw il-purċissjonijiet f'Sivilja u fi bnadi oħrajn fi Spanja u baqgħu impressjonati b'din id-drawwa … u allura ġie deċiż li jorganizzaw purċissjoni bħalhom …*" F'din it-tieni silta, l-awtur kien qed jirreferi għall-purċissjoni tar-Rabat f'Malta.[2]

Din it-teorija malajr titlef is-sugu tagħha meta nqisu li l-purċissjonijiet ta' Sivilja fi Spanja – li llum jgħoddu 57 (f'Malaga hemm xi 46 oħra) u joħorġu skont skeda preċiża bejn Ħadd il-Palm waranofsinhar u nofsillejl ta' Sibt il-Għid[3] – ma kinux għadhom jeżistu fil-forma li nafuhom illum fiż-żmien bikri tas-seklu sittax li hu l-perjodu li rrefera għalih dan il-kittieb. Maż-żmien saret, u għada ssir, ħafna riċerka soda dwar il-purċissjonijiet Spanjoli u jsiru wkoll kungressi nazzjonali dwar il-fratellanzi, magħrufin bħala *Confradias*, li jorganizzawhom. Fi tmiem kull kungress, jiġu pubblikati



*Il-Kruċifissjoni – waħda mill-istatwi tal-purċissjonijiet ta' Malaga, Spanja*

d-diskorsi annotati, bosta minnhom minn akkademiċi universitarji.[4] Hemm min ikkonkluda li l-ewwel purċissjonijiet organizzati mill-fratellanzi, jew *Confradias*, ta' Sivilja jmorru lura għas-seklu sittax iżda kienu bla vari.[5] Ħaddieħor isostni li l-ewwel purċissjonijiet formali kienu manifestazzjonijiet penitenzjali tal-aħħar snin tas-seklu erbatax li, sa nofs is-seklu sittax, bdew jinkludu fihom vari żgħar manifatturati minn *pasteboard,* kartapesta, tafal u drapp. Kien biss fit-tieni nofs tas-seklu sittax li dawn il-gruppi penitenzjali bdew jikkommissjonaw vari kbar skulturati fl-injam mingħand artisti magħrufin lokalment.[6]

Madankollu, dan ma jfissirx li l-influwenza Spanjola kienet nieqsa għal kollox fejn tidħol il-Ġimgħa l-Kbira f'Malta. X'aktarx li din l-influwenza daħlet Malta b'mod indirett permezz ta' Sqallija li, fis-seklu sittax, kienet ilha taħt dominanza Spanjola. Każ partikolari jikkonċerna l-flaġellanti, imsejħin *battuti* f'Malta, li kienu jsawtu lilhom infushom qabel u/jew waqt li jkunu jieħdu sehem f'xi purċissjonijiet Maltin, drawwa li baqgħet ħajja f'pajjiżna sal-ewwel snin tas-seklu għoxrin.[7] Il-purċissjonijiet Spanjoli wkoll kellhom il-flaġellanti u nies bil-kuruni tax-xewk jew ikaxkru slaleb tal-injam,[8] drawwiet li kienu jeżistu wkoll fi Sqallija. Ta' dan, għandna t-testimonjanza ta' vjaġġatur Olandiż f'Malta fl-1792, Johan Meerman li jirreferi għal flaġellanti femminili fil-belt Valletta u għal penitenzi, bħalma huma kuruni tax-xewk fuq l-irjus, li kien ra bħalhom f'Sirakuża, Sqallija.[9] Anzi nżidu li d-drawwa tal-flaġellazzjoni għadha teżisti sal-lum f'xi nħawi tal-Italja t'Isfel, ngħidu aħna, f'Nocera Terinese u f'Verbicaro fil-Kalabrija fejn il-flaġellanti huma magħrufin bħala *battenti* u li f'din il-kelma nara xebħ mal-kelma *battuti* li kienet użata f'Malta bħalma diġà semmejna.[10] Irridu nżommu f'rasna li l-kuntatti bejn Malta u Sqallija kienu kbar ħafna tul il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann u li sal-1831, fil-kamp ekklesjastiku, l-Isqof ta' Malta kien soġġett għas-sede Metropolita ta' Palermo. Għalkemm differenti minn xulxin, xi xebh li jeżisti bejn il-purċissjonijiet Maltin u Sqallin seta' rriżulta – għalkemm mhux bilfors – minn din id-dipendenza religjuża li tkun ġabet kuntatti aktar mill-qrib bejn il-komunitajiet.

Ma naħsibx li nkunu qed niżbaljaw jekk ngħidu li fil-fatt il-purċissjonijiet tal-Passjoni f'Malta huma żvilupp pjuttost dirett minn dawk il-purċissjonijiet tal-Ġimgħat tar-Randan li kienu magħrufin bħala *i Venerdì di Marzo* (il-Ġimgħat ta' Marzu). Dawn bdew isiru wara li, fis-6 ta' Marzu 1573, il-Papa Girgor XIII xandar il-Bolla *Pastoralis Eterni* li, permezz tagħha, ta "*…lill-fratelli tas-SS.mu Sagrament imxerrdin mad-dinja kollha li fil-ġranet tal-*

*istazzjonijiet iżuru xi kappella jew knisja u jgħidu Missierna u Sliema għal seba' darbiet u jitolbu għar-rebħa tal-fidi kattolika u għall-qerda tal-infidili u l-eretiċi, jirbħu l-istess indulġenzi li jirbħu dawk li jżuru l-bażilki ta' Ruma.*"[11] Il-fratellanza tas-Sagrament eretta fil-parroċċa beltija tal-Portu Salvu – popolarment magħrufa bħala ta' San Duminku – bdiet torganizza dawn il-purċissjonijiet kull sena meta l-fratelli u l-konsorelli kienu jimxu quddiem vara mdaqqsa, x'aktarx tal-Madonna tad-Duluri, li warajha kienu jakkompanjaw nies li ma kinux membri tal-fratellanza. Il-purċissjoni kienet tibda bi standard iswed u kienet issir waqfa f'waħda mill-knejjes tal-Belt b'konformità mal-Bolla Papali li semmejna. Jidher li dawn il-purċissjonijiet baqgħu jsiru sa madwar is-sena 1670 għax ma jissemmgħux aktar fl-istatut il-ġdid tal-fratellanza tal-1673.[12] Wieħed jista', allura, iqis dawn l-ewwel purċissjonijiet tar-Randan bħala l-anteċedenti tal-ewwel manifestazzjonijiet tal-Passjoni li ġew organizzati kważi kontemporanjament magħhom.



*Il-Flagellazzjoni – fir-Rabat (Malta); probabbli tas-snin bikrin tas-seklu 17 u li hi l-eqdem vara li għadha toħroġ proċessjonalment f'Malta.*

Jidher li l-imbuttatura lejn l-organizzazzjoni ta' dawn il-purċissjonijiet kif nafuhom illum ġiet l-aktar mill-Patrijiet Franġiskani Minuri – magħrufin bħala Ta' Ġieżu – li kellhom u għad għandhom rabtiet qawwija u mill-qrib mal-postijiet sagri fl-Art Imqaddsa tal-Palestina. Dan qed ngħiduh għax l-ewwel żewġ purċissjonijiet eżistenti Maltin ġew – u għadhom jiġu – organizzati minn żewġ fratellanzi mwaqqfa fiż-żewġ knejjes li dawn il-patrijiet għandhom fir-Rabat (Malta) u fil-belt Valletta. **Il-purċissjoni tar-Rabat** ilha qatigħ titqies bħala l-eqdem waħda f'Malta għalkemm mhix magħrufa s-sena eżatta meta l-Fratellanza ta' San Ġużepp organizzata l-ewwel darba. Inkiteb li jeżisti document tal-1591 li jagħti x'tifhem li f'dik is-sena l-purċissjoni kienet ilha ssir ħafna snin mingħajr ebda speċifikazzjoni eżatta.[13] X'aktarx li l-ewwel manifestazzjoni kienet bi statwa ta' Ġesù

Mejjet, magħruf bħala l-*Monument*, li nġieb minn Sqallija u wara żdiedet il-vara tal-*Flagellazzjoni*, vara tal-injam importata minn Sqallija li għadha tintuża sal-lum.[14] Ovvjament, mas-snin żdiedu aktar vari. Hu wisq probabbli li l-maġġoranza tal-purċissjonijiet li ġew wara bdew, bħal tar-Rabat, b'vara waħda jew tnejn u mbagħad komplew iżidu progressivament in-numru ta' statwi. Inkiteb a baż ta' dokumentar sod li **l-manifestazzjoni tal-belt Valletta** żviluppat mill-purċissjonijiet tal-Ġimgħat tar-Randan – għadna kemm tkellimna dwarhom – u t-twaqqif tal-Fratellanza tal-Kurċifiss fl-1646 fi ħdan il-Knisja ta' Ġieżu. Sal-1673, dawn kienu żviluppaw fil-purċissjoni tal-Passjoni li bdiet issir b'aktar minn vara waħda u bis-sehem tal-mużika.[15]

Iżda hawnhekk ma nistgħux ma nżidux wkoll li hu magħruf "li l-Fratellanza tal-Madonna tal-Konsolazzjoni, imwaqqfa' fil-Knisja ta' Santu Wistin, kienet minn ta' quddiem li fil-Belt tagħmel purċissjoni b'xi statwi li jfakkru l-Passjoni."[16] Din il-purċissjoni kienet tinkludi erba' vari mlibbsin vestwarju rikk tant li, fil-vara tal-*Ecce Homo* (L-Inkurunazzjoni ta' Ġesù bix-Xewk), f'idejh Kristu kien iżomm qasba magħmula mill-fidda. It-tliet vari l-oħra kienu *r-Redentur*, *il-Kruċfissjoni* u *Kristu Mejjet* magħmul mill-kartapesta – "*un Cristo di carta pesta morto*."[17] Ma nafux meta din il-purċissjoni nbdiet u lanqas meta ma baqgħetx tiġi organizzata aktar.

Ix-xena mbagħad taqsam il-Port il-Kbir lejn il-Kottonera fejn purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira ilhom jiġu organizzati għal aktar minn tliet sekli f'Bormla, fil-Birgu u fl-Isla. Mill-Kottonera xterdu għall-irħula Maltin, inkluż Ħaż-Żebbuġ, u wkoll fir-Rabat t'Għawdex. Iżda dik hi storja oħra.

9 ta' April 2014

**Referenzi**

1 Ara John Bezzina, *Good Friday Procession at Qormi*, bla data (iżda wara l-1962), fuljett ta' erba' paġni. F'dan l-istess fuljett, Bezzina kiteb li l-eqdem purċissjoni ta' Malta hi dik tar-Rabat u jagħtiha d-data ta' madwar is-sena 1500: "The procession held at Rabat is the earliest one in Malta (c.1500)." L-awtur ma jagħti ebda referenza biex jissostanzja l-asserzjoni tiegħu.

2 Ara John Bezzina, "Good Friday Processions: Rabat's Pageant is the Oldest", *Sunday Times of Malta*, 4.iv.1971.

3 *Programa de Semana Santa 2003*, fejn insibu l-ismijiet ta' kull purċissjoni bl-itinerarju tagħha. L-istess isir f'Malaga fejn hemm 41 purċissjoni bejn Ħadd il-Palm filgħodu u l-5.00 ta' filgħodu ta' Sibt il-Għid, skont il-programm ippubblikat f'*Semana Santa 2003 Itinerarios Processionales*. Kull purċissjoni hi organizzata minn fratellanza, magħrufa bħala *Confradia*, differenti.

4 Ara, bħala eżempju, J. Aranda Doncel (Editur), *Actas del III Congreso Nacional de*

*Confradias de Semana Santa Cordoba 1996 – Tomo I Historia*, Cordoba 1997.

[5] J. Cassar Pullicino, *Studies in Maltese Folklore* , revised and enlarged edition, Malta 1992, 54 fejn l-awtur jikkwota lil Carreras Y Candi, *Folklore y Costumbres de Espana*, Tomo III, 1946, p. 515.

[6] S. Verdi Webster, "Sacred Altars, Sacred Streets: The Sculpture of Penitential Confraternities in Early Modern Seville", *Journal of Ritual Studies*, 6(1), Winter 1992, 163; *Idem*, "Deus ex Sculptura: The Art and Ritual of Penitential Confraternities in Early Modern Seville", *Confraternite, Chiesa e Società*, Puglia Storica/5, Schena Editore. Din il-kitba hi t-test ta' *studju* ppreżentat f'konferenza f'St Louis, Missouri, USA fl-1993.

[7] F'Bormla, dawn il-flaġellanti twaqqfu milli jieħdu sehem fl-1830 u fil-Belt f'madwar l-1915. Ara C. Galea Scannura, "Holy Week Traditions in Malta", *The Holy Week at Paceville*, editur L. Cuschieri, Malta 1978, 27.

[8] S. Verdi Webster (1992), 164.

[9] Ara A. Strickland (Editur), *Malta from The Hague – Two Dutch Travel Journals*, The Hague 2005, 136.

[10] G. O. Muraca, "Scourging Rituals in Southern Italy", *Proceedings of the First International Conference on The Ritual Year,* editur G. Mifsud-Chircop, Malta 2006, 420-5.

[11] F. Mallia, *Il-Fratellanza tas-SS.mu Sagrament fil-Parroċċa ta' S. M. tal-Portu Salvu il-Belt 1575-1975*, Malta 1975, 250, minn fejn ukoll hi meħuda t-traduzzjoni ta' parti mill-Bolla Papali ta' Girgor XIII.

[12] *Ibid.*, 251. Ara wkoll Ġ. Aquilina, *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt*, Malta 1986, 26, fejn l-awtur kiteb li dawn il-purċissjonijiet x'aktarx kienu nqatgħu sal-1646.

[13] D. Micallef, *Il-Purċissjoni tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fir-Rabat*, Malta 1980, 5.

[14] *Ibid.*, 12.

[15] Ġ. Aquilina, 26-31.

[16] L. Zahra, "Fil-Belt Valletta", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgha l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J.Schiavone, Malta 1993, 25

[17] V. Caruana, *The Art of Papier-mâché in Malta between the 19th and early 20th Centuries*, Teżi tal-M.A. mhux pubblikata, Universita` ta' Malta 2005, Volum I, 7, li jikkwota lil M. Cauchi, *L-Istorja tal-Knisja ta' Santu Wistin il-Belt, Valletta*, Malta 1997, 179-180.

T' Emelda
Butcher Shop




Isabelle Bezzina
Tel: +356 2746 6389

T'Emelda Butcher Shop
Triq Gianni Bonnici
Żebbuġ – ŻBG 2490

# Din Hija Ommkom

**Kitba ta'Joseph Bonnici**



Mis-salib bl-aħħar nifs minn ġismi,
inħares lejkom, taħt riġlejja,
u ngħidilkom din hija ommkom;
ħuduha bl-akbar għożża f'ismi,
għax magħkom ħadmet ta' qaddejja;
u la tinsewx, xandruha b'fommkom.

Ħarsu lejha bħala l-omm li tħenn,
sew int Ġwanni wkoll Marija,
li qegħdin hawn sal-mewt
twennsuni;
għax taħt il-mant tagħha taraw
kenn,
li hu għotja minni għaliha,
u b'hekk biha tkomplu tħossuni.



Intom ilkoll flimkien uliedha,
sewwa fil-ferħ u fit-tbatija;
hi lesta b'idejha miftuħa,
u minfloki timxi ma' rieda,
biex il-glorja lilha mogħtija,
hi tgħaddi b'qalbha qatt minfuħa.

Bħala omm tajba li rabbietni,
nafda ħafna fil-qagħda tagħha;
hi taf id-dinja x'tagħti bħali;
għalhekk fit-tmexxija ħallietni,
nifhem il-bżonn l'għandkom ta'
saħħa,
u bniedem jgħix mingħajr ma
jgħali.

Għalhekk intom li tinsabu hemm
isfel, qegħdin tidhru għall-oħrajn;
isimgħu minnha x'għandha xi tgħid,
għax taf tagħti lil kull wieħed
kemm;
b'hekk kulħadd jinżamm żgur taħt
il-għajn,
b'dak kollu li nagħti u li ngħid.

13-09-2014






# Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.

Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-*customer service* u mmexxija minn *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.

# *“Una Lacrima Sulla Tomba Di Mia Madre”*

## Marċ Funebri ta’ M˚Alberto Vella - Malti

**minn Joe Flask**



**Daħla**

Bħas-soltu, waqt li kont qiegħed naqra sibt li, f’Sulmona, belt imdaqqsa fil-provinċja ta’ L’Aquila, fir-Reġjun ta’ Abruzzo, jiċċelebraw bil-kbir il-Festi marbutin mal-Ġimgħa Mqaddsa. Festi li huma ħafna għall-qalb is-Sulmontini u apprezzati wkoll mill-eluf ta’ turisti li jinzertaw hemm f’dawn il-ġranet. Jispikkaw il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u dik ta’ Ħadd il-Għid bil-festa tal-*Madonna che scappa*, letteralment: “Il-Madonna li taħrab” b’tifkira tal-ferħ kbir li l-Madonna ħasset hekk kif saret taf li Binha Ġesù kien irxoxta mill-mewt.

Il-Festa tal-Għid jixirqilha artiklu għaliha, imma din id-darba għar-raġunijiet ovvji, konnessi ma’ isem din il-kitba, għażilt li nikteb biss fuq il-Ġimgħa l-Kbira, li ssir f’Sulmona.

**Il-Ġimgħa l-Kbira**

F’Malta, bħalma jsir f’għadd ta’ lokalitajiet fid-Dinja Kattolika, nhar il-Ġimgħa l-Kbira, wara l-Azzjoni Liturġika li ssir fil-Knisja, issir il-purċissjoni bl-istatwi; purċissjoni li nbidlet f’wirja sagra ta’ simboli u persunaġġi bibliċi. Imma f’Sulmona, apparti ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru tul il-Ġimgħa Mqaddsa, l-attivitajiet ta’ nhar il-Ġimgħa l-Kbira, qishom jieħdu xejra oħra, u jibdew minn filgħodu, sakemm jilħqu l-qofol tagħhom bil-Purċissjoni ta’ Kristu Mejjet.



*Knisja tas-Santissima Annunziata*

Wara nofsinhar, immedjatament wara l-Azzjoni Liturġika li ssir fil-

Parroċċa ta' Santa Maria della Tomba, l-Arċikonfraternità Santa Maria ta' Loreto, torganizza purċissjoni qasira, li toħroġ mill-istess knisja, bl-għan ewlieni li tfakkar il-mewt ta' Ġesù kif ukoll ir-ripożizzjoni tiegħu fil-qabar. B'sinjal ta' penitenza, il-fratelli jilbsu biss ilbies iswed, sal-ingwanti u ċ-ċoff huma suwed u lanqas ma jinġarr l-istandard tas-Sodalizzju. Din il-purċissjoni, b'xejra ta' pellegrinaġġ ta' fidi, tista' wkoll titqies bħala tħejjija, biex tinħoloq dik l-atmosfera devota, qabel il-purċissjoni l-kbira bi Kristu Mejjet, li ssir filgħaxija stess nhar il-Ġimgħa l-Kbira, u li tkun organizzata mill-Arċikonfraternita tat-Trinità Qaddisa. Il-bidu ta' din l-Arċikonfraternita imur lura għas-seklu XIV.


Kunfratija ta' lewn vjola tal-Fratellanza tat-Trinità Qaddisa

Madwar siegħa wara, meta jkun diġà dalam sewwa, tibda ħierġa mill-Knisja tat-Trinità Qaddisa, il-purċissjoni, unika fil-ġeneru tagħha, li simbolikament tixbah iktar kortew funebri , għax fil-fatt, il-Purċissjoni infisha, għandha xeħta ta' Funeral solenni f'ġieħ Ġesù Mejjet. Din il-purċissjoni għal ċertu żmien kienet inżammet milli ssir, iżda, fl-1954 kienet reġgħet bdiet issir b'mod iktar organizzat u b'aktar devozzjoni. Jiftah il-purċissjoni it-*Tronco*, Salib kbir tal-injam, tas-seklu XVIII, twil 4 metri, imżewwaq b'weraq u frott tal-fidda u mkebbeb bi drapp tal-bellus aħmar, li jinġarr minn wieħed mill-fratelli. Warajh jimxu iktar fratelli bil-fanali tal-fidda f'idhom. Il-kor polifoniku, ta' iktar minn 100 ruħ, ikanta il-*Miserere* (Salm 50) akkumpanjat mill-banda. Kien il-Papa Ljun X, li daħħal dan is-Salm, fil-Liturgija tal-Ġimgħa Mqaddsa fl-1514. Il-folla, fi skiet perfett, issegwi dak kollu li jkun qed isir. Wiċċ in-nies jinbidel u s-sentiment ta' ansjetà jgħib, hekk kif fil-bieb ewlieni tal-knisja tfeġġ l-istatwa devota ta' Kristu mejjet, il-Monument kif nafuh aħna. Kristu, huwa mixħut għall-mejjet, fuq speċi ta' sodda (friex) imżejna bi drappijiet prezzjużi u velijiet mill-ifjen rrakkmati b'sengħa kbira, li fuqha għandha liżar tal-bellus iswed irrakkmat bid-deheb. Is-sodda hija mpoġġija fuq pedistall tal-fidda mastizz tas-seklu XVIII, u mal-ġnub hemm erba' puttini li f'idejhom għandhom is-simboli tal-Passjoni. L-istatwa , tal-injam taż-żebbuġ (hemm min jgħid tal-ġewż), saret fl-1750 u għalkemm mhux magħruf min għamilha, bosta jsostnu li nħadmet minn ċertu Pizzola, skultur. L-ornamenti tal-fidda, il-puttini, kif ukoll id-drappijiet u l-veli huma

 

(Xellug) Il-knisja tal-Madonna della tomba u (lemin) l-purċissjoni ta' waranofsinhar mill-fratelli tal-Arċikonfraternità Santa Maria ta' Loreto fil-Parroċċa ta' Santa Maria della Tomba.

ta' skola Naplitana u saru fis-seklu XVIII. Fuq il-Monument jispikkaw tlieta u tletin qronfla ta' lewn aħmar li jkunu tpoġġew mill-Fratelli Trinitari qabel il-ħruġ mill-knisja. Tagħlaq il-purċissjoni l-Istatwa devota tad-Duluri, tas-seklu XVIII. Hija Statwa tassew espressiva, b'ilbies iswed, tad-drapp, irrakmant b'mod tassew fin, bid-deheb. Il-Madonna f'idha għandha maktur, iswed ukoll. Fuq rasha għandha kuruna tal-fidda, u qalbha minfuda minn sejf, tal-fidda. Interessanti, li l-istatwa tiddaħħal fil-knisja b'lura. Ta' min iżid li din l-Istatwa tad-Duluri tinżamm fil-Knisja tat-Trinità, imma d-devoti jistgħu jarawha biss meta tinħareġ nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Il-purċissjoni f'Sulmona. tintemm għall-ħabta ta' nofsillejl.

Marbuta ferm, ma' din il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Sulmona, organizzata mill-Arċikonfraternita Trinità Qaddisa, hemm xi ħaġa li lilna l-Maltin tinteressana mill-qrib.

**Marċ Funebri ta' Malti**

Il-membri, il-partitarji tal-Banda u dawk kollha li jħobbu l-mużka jkunu qed jistennew b'ħerqa kbira l-mument li, l-banda ewlenija ta' Sulmona, tiftaħ ir-repertorju tal-marċijiet funebri tradizzjonali tagħha, bid-daqq ta' marċ funebri "Una Lacrima sulla tomba di Mia Madre" tal-"*Maestro napoletano Alberto Vella (14.07.1866), di stirpe maltese)*". "*napoletano*" - Naplitan, għax kien b'dan l-aġġettiv li, fis-seklu XIX, it-Taljani kienu jirreferu għal dawk il-Maltin li kienu jmorru jistudjaw jew biex jgħixu f'Napli (l-aktar ulied il-familji nobbli), u dan jispjega wkoll għaliex ġie speċifikat li Maestro Vella kien "*di stirpe maltese*" - ta' nisel Malti.

Malli sirt naf b'dan, ħassejtni kburi li jiena Malti, u interessajt ruħi, u xtaqt insir naf aktar, għax ħlief dak li għadni kif ktibt ma sibt xejn aktar,


Digit Line
Home Appliances, House Hold Goods,
Sound & Vision, Garden Furniture,
Loose Furniture, Bar-B-Ques, Air Conditioners
Digit Line
F. Farrugia Street, Zebbug
Tel/ Fax: 2146 4329
Email: tantimp@waldonet.net.mt
ONLY THE BEST BRANDS
HOOVER
ZANUSSI
KENWOOD
INDESIT
Whirlpool
SAMSUNG
morphy richards
tescoma.
... and more




*Xellug: Is-Salib u l-fratelli tal-Arċikonfraternità tat-Trinità Qaddisa, qabel il-purċissjoni ta' filgħaxija. Lemin: Il-kor kbir tal-fratelli li jimxi wara s-salib.*

fuq Maestro Vella, u iktar sibt fuq il-marċ innifsu. Wasalt biex ukoll ktibt lill-editur ta' "IL TRINITARIO", ir-rivista tal-Arċikonfraternità tat-Trinità Qaddisa, li minnha slitt it-tagħrif, iżda, bqajt bla tweġiba.

Sinċerament, meta fittixt u flejt ix-xogħlijiet ta' M°Alberto Vella, ma sibtx aċċenn għal dan il-marċ, u tant anqas ma sibt, meta u f'liema żmien, Alberto, għex jew ħadem f'Napli. Imma, kollox jista' jkun u forsi hemm tagħrif ieħor li ma nafx bih. Il-fatt, iżda, li fit-tagħrif li sibt, id-data bejn il-qaws "*14.07.1866*" hija dik tat-twelid ta' Alberto, turi mingħajr ebda dubju ir-rabta bejn M°Alberto Vella u l-marċ imsemmi, f'kelma waħda li kien hu li kkompona dan il-marċ funebri.

Mingħajr ma nidher odjuż, hija verità wkoll li, minn fost l-aħwa Vella, l-iktar wieħed marbut ma' Napli, fejn studja u ħadem, kien Luigi li, fost l-oħrajn, ikkompona wkoll marċ funebri: "*Una lacrima*" (*Funebre n.1*), li sibt taħt ir-ras: mużika għall-pjanu, tax-xogħlijiet komposti minnu.

**Familja ta' mużiċisti**

Qabel ma nkompli, ħsibt li ta' benefiċċju tal-qarrejja, nagħti ftit ħjiel dwar il-familja ta' Giuseppe Vella u t-tliet uliedu Alberto (il-kompożitur tal-marċ imsemmi), Luigi u Paolo, li lkoll twieldu Malta. Dawn spikkaw minn fost il-mużiċisti u kompożituri Maltin, b'kunjomhom Vella, li għexu fis-seklu XIX.

*__Giuseppe__, twieled il-Belt fis-16 (hemm min jgħid fit-18) ta' Lulju 1827. Kien bniedem għaref u inġenjuż. Apparti li kien iggradwa bħala avukat mill-Università ta' Malta fl-1850, kellu l-liċenza ta' kaptan tal-baħar, u kellu interess speċjali fl-astronomija. Iżda, l-akbar namur tiegħu kienet il-mużika li għaliha ddedika ħajtu. Beda l-istudji tiegħu fil-mużika ma' Dun Giuseppe Scicluna (Xicluna) u skont uħud anki ma' ċertu Gonzales, hawn Malta u għamel żmien jistudja barra ma' Maestro Bini f'Livorno u skont oħrajn ma' Maestro Baini f'Ġenova. Kif reġa' lura mill-Italja, Giuseppe, beda jgħallem



*Il-Knisja tas-Santissima Annunziata, f'Sulmona*


# Kiri ta' Siġġijiet

Agħmel bħalma jagħmlu ħafna:
ibbukkja siġġu
mill-bar tal-Każin San Filep
u gawdi l-purċissjoni
tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ
bilqegħda.

il-Mużika fl-iskejjel tal-gvern u f'għadd ta' istituti u kulleġġi sakemm laħaq ukoll *Maestro di Cappella* tal-Katidral tal-Mdina, ħatra li żamm sal-1902, meta, mhux wara ħafna qtigħ il-qalb, ingħata l-pensjoni mingħand il-gvern. Kien ukoll *Maestro di Cappella* tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu. Giuseppe kien kompożitur ewlieni ta' għadd ta' xogħlijiet sagri. Giuseppe Vella miet nhar il-11 ta' Lulju 1912.



*Il-monument (fuq) u d-duluri (taħt) fil-purċissjoni ta' filgħaxija mill-Arċikonfraternità tat-Trinità Qaddisa*



***Alberto**, twieled il-Belt ukoll fl-14 ta' Lulju 1866. Qabel ma beda jitgħallem il-mużika ma' missieru, kien daħal l-Università għall-kors fil-Mediċina, iżda, ma kompliex, biex jiddedika ħajtu għall-mużika. Għall-ewwel beda jagħti lezzjonijiet privati tal-mużika fid-dar tiegħu stess, f'Tas-Sliema. Spiss kien jagħti kunċerti tal-pjanu, xi drabi organizzati minnu stess u anki flimkien maż-żewġ ħutu. Apparti li kien ta bidu għall-Istitut tal-Mużika f'Tas-Sliema, fejn kien jgħallem il-pjanu u l-armonija, kull meta mitlub, kien joffri s-servizzi tiegħu anki fil-Katidral tal-Mdina u l-Konkatidral tal-Belt. Għal 30 sena kien ukoll l-organista fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu. Kien kompożitur prolifiku ta' Mużika Sagra. Miet fid-29 ta' Lulju 1931.

***Luigi**, twieled il-Furjana fl-10 ta' Frar 1868. Beda minn kmieni jitgħallem il-mużika ma' missieru u kien għadu daqsxejn ta' ġuvnott meta ntbagħat Napli, minn missieru stess, biex jistudja l-mużika mal-aqwa maestri ta' din il-Belt. Ta' 19-il sena ta l-ewwel kunċert, u għall-kompożizzjonijiet tiegħu kiseb għadd ta' midalji u diplomi minn istituti mużikali ewlenin ta' Napli, Catania u Bologna. Fl-1897, proprju f'din il-Belt kien ħa sehem f'kompetizzjoni mużikali, u għall-kompożizzjoni preżentata minnu ngħata 'Ċertifikat għall-Mertu' mill-Bord tal-Akkademja Filarmonika Irjali "Santa Cecilia" ta' Bologna.

Fl-1887, filwaqt li kien *Maestro di Cappella*, fil-Knisja ta' Porto Salvo,

il-Belt, kien ukoll Direttur tal-Kor tal-Kulleġġ Flores. Fl-istess sena nħatar maestro u organista tal-Istitut tal-Edukazzjoni Mużikali ta' San Ġakbu, il-Belt, ħatra li baqa' jżomm sal-1912. Bejn l-1888 u l-1903, spiss kien jgħin lill-missieru kemm bħala *Maestro di Cappella* kif ukoll bħala organista. Fl-1905, għal sena offra s-servizzi tiegħu bħala Surmast Direttur tal-Banda Prince of Wales tal-Birgu. Is-sena ta' wara inħatar *Maestro di Cappella* u organista fil-Knisja Bażilka Ġesù Nażżarenu, Tas-Sliema. Fl-1908 beda jgħallem il-pjanu fl-iskejjel sekondarji tal-gvern. Fl-1912, inħatar *Maestro di Cappella* u organista fil-Knisja tal-Karmnu tal-Balluta. Apparti mużika Sagra, Maestro Luigi, ikkompona mużika profana varja: għall-orkestra u għall-banda, "Musica da Camera", kif ukoll mużika vokali u strumentali. Fil-kamp liturġiku kien wieħed mill-esponenti ewlenin biex f'Malta daħlet fis-seħħ ir-riforma tal-mużika Sagra, kif proposta fil-*Motu Proprio* ta' San Piju X.

Luigi, huwa ċertament l-iktar wieħed magħruf mill-familja Vella, f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-mużika, apparti li huwa wkoll imsemmi għall-ħidma li wettaq tul is-snin, biex b'paċenzja kbira u reqqa jiġbor tagħrif fuq il-mużika f'Malta u l-mużiċisti Maltin. Il-kontribut personali tiegħu, kien determinanti biex il-mużika Maltija tikseb identità u l-mużiċisti Maltin jingħataw il-ġieħ li jixirqilhom. Biex ħidmietu tibqa' ħajja, kien ta bidu għal "*Camera degli Autori e compositori di musica maltesi*" li tagħha kien wieħed mill-fundaturi ewlenin u għall-żmien twil, segretarju. Luigi miet fil-15 ta' Marzu 1950.

***Paolo**, bħal ħuh Luigi twieled il-Furjana fid-9 ta' Frar 1873. Huwa kien pjanist u organist imfittex, u kemm-il darba bħaż-żewġ ħutu l-oħra kull meta kien jinqala' l-bżonn kien jieħu post missieru kemm bħala organist kif ukoll *Maestro di Cappella*, kemm fil-katidral tal-Mdina kif ukoll fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt. Paolo wkoll, kellu karriera mużikali brillanti, u jibqa' msemmi għall-Ewwel premju miksub fl-1897, meta ta' 24 sena kien ħa sehem fis-*VI Concorso Internazionale di Catania*, organizzat miċ-"Circolo Bellini" ta' Catania stess. Huwa kien rebaħ b'kompożizzjoni għall-pjanu, bil-Polka: *L'Energica*. F'dan il-konkors kienu ħadu sehem 482 parteċipant. Huwa kien magħruf għax-xogħlijiet operistiċi, orkestrali, vokali u fuq kollox għall-pjanu. Għadha tissemma' l-Opra f'żewġ atti *I Carbonari*, fuq librett ta' Enrico Golesciani. Opra li kienet tfaħħret ħafna minn Maestro Mattioli minn Ruma u Maestro Battaglia[1] minn Napli.

Flimkien ma' ħuh Luigi kien wieħed mill-fundaturi tal-*"Camera degli Autori e compositori di musica maltesi"* li tagħha kien it-teżorier. Maestro

Paolo, ftit wara li waqqaf is-*Società Orchestrale Santa Cecilia*, ippubblika l-ktieb *Principi fondamentali e scientifici della musica*.

**Il-Marċ Funebri ta' M° A.Vella**

Nhar id-29 ta' Lulju 1900, l-Italja kollha tkexkxet, mal-aħbar tal-qtil tar-Re Umberto I, ta' Savoia, f'Monza. Ir-Re, kien inqatel mill-anarkiku Gaetano Bresci. Milli jidher, il-M° Alberto Vella wkoll, inħakem emozzjonalment minn din il-ġrajja faħxija u kien ispirat minnha, tant li kkompona marċ funebri li semmieh "Italia piange". Meta mbagħad mietet ommu, jidher li Alberto, biddel isem il-marċ u semmieh: "Una rosa per mia madre". Mażżmien, ma nafx jekk hux fuq struzzjonijiet tal-Arċikonfraternità, il-marċ funebri ta' M° Alberto Vella sarulu xi arranġamenti u anki isem il-marċ inbidel u ssemma' "Una Lacrima sulla tomba di Mia Madre" kif għadu magħruf sal-lum. Tagħrif dan li jkompli jsaħħaħ il-fehma li mingħajr ebda dell ta' dubju, kien il-Maestro Malti Alberto Vella, il-kompożitur tal-marċ funebri li jindaqq f'Sulmona, nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

L-Arċikonfraternita, kienet għażlet dan il-Marċ, għaliex ħasset li kien jisboq kull marċ ieħor tal-ġeneru tiegħu. Il-marċ, għandu ritmu "*lento*", persważiv, li filwaqt li jnissel ċerta dieqa u emozzjoni, u li jakkumpanja tajjeb il-pass kadenzat (ritmat), tal-fatelli, tal-bandisti u ta' dawk kollha li jieħdu sehem fil-purċissjoni. Kull min jisimgħu, mhux biss japprezzah imma dlonk iqisu bħala marċ funebri mill-isbaħ, li jesprimi sentimenti ta' devozzjoni qawwija li joħorġu min-noti mnikkta li jfissru l-mument gravi tal-mewt fil-ġurnata tal-funeral. Il-marċ fih innifsu, fil-fatt, lil hemm mill-espressjoni mużikali, jesprimi sensazzjonijiet li jaqblu perfettament mal-ġrajja traġika, tal-mewt ta' Ġesù, li wasslet għall-azzjoni salvifika tal-ġens uman. Il-marċ, huwa apprezzat u maħbub ħafna mis-Sulmoniti u mhux biss. Mhux ta' b'xejn huwa meqjus, bħala *"autentica colonnna sonora del Venerdì Santo sulmonese, suonata da una banda."*

Skont dak li jingħad fil-pubblikazzjonijiet mill-Arċikonfraternità, u minn xi ġurnalisti, il-marċ funebri ta' M° Alberto Vella, għamel suċċess mal-Italja kollha, wara li minħabba s-sbuħija u s-sentimenti profondi espressi mill-melodija mużikali tiegħu, intgħażel u ndaqq f'għadd ta' films diretti minn De Sica u Reġisti oħrajn ta' fama. Tul is-snin, il-popolarità tal-marċ ta' M° Alberto Vella, infirxet lil hemm mill-fruntieri tal-Italja, meta l-banda ewlenija ta' Helsinki, il-belt Kapitali tal-Fillandja, talbet u ngħatat il-partitura tal-marċ, li sal-lum għadu jindaqq nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

**Riferenzi**

[01] *Wikipedia*

[02] Dizzionario: *I musicisti italiani del secolo XIX*

[03] Papponetti, G., 1991, *Pasqua a Sulmona*

[04] Rolandi, U., 1930, *Musica e Musicisti in Malta*, Capitolo IV "Musicisti Maltesi" f' Archivio Storico di Malta, Anno I, vol.I, fascicolo II, gennaio 1930

[05.] Schiavone, M., 2009, *Dictionary of Maltese Bigraphies*, vol. 2, Vella Alberto, Vella Giuseppe, Vella Luigi, Vella Paolo.

[06.] *IL TRINITARIO*, Anno XLVI, Pasqua 2012

[07.] *L-istess*, Anno XLVII, Pasqua 2013

[08.] Pantaleo, A., 2013, *La processione del Venrdi Santo a Sulmona*, f' Corriere della Sera, 28 ta' Marzu 2013

[09.] Anon., 2014, *Pasqua a Sulmona…*, f' *adkronos*, 16 ta' April, 2014

[10.] Papaleo, A.. 2014, *Sulmona si prepara a commemorare i suoi defunti*, 30/10/2014

**Referenza**

[1] Biex ngħid il-verità ma nafx jekk kienx Settimio Battaglia mwieled f'Cava de' Tirreni.

centre point. STATIONERY

FOR ALL YOUR STATIONERY NEEDS, GREETING CARDS, TOYS & GIFTS FOR ALL OCCASSIONS, PHOTOCOPY, BINDING & LAMINATION SERVICE, BOOK COVERING, INK CARTRIDGES...

VJAL IL-ĦELSIEN, ŻEBBUĠ
TEL: 2146 1500

Find us on Facebook

ZAMMIT BUTCHER




Triq il-Gandlora, Żebbuġ (Malta)
E-mail: zammitbutcher@gmail.com
Web: www.zammitbutcher.webs.com
Opening Hours:
Tue, Wed & Fri: 7.00am-12.00pm & 4.00pm-6.30pm
Thu & Sat: 7.00am - 12.00pm

Fresh Beef • Fresh Pork
Fresh Chicken • Frozen Beef
Frozen Lamb • Horse Meat
Home Made Burgers
BBQ Sausages
Marinated Meats

FREE DELIVERY









*Mix-xellug għal-lemin: medaljun tal-Arċikonfraternità Sta Maria di Loreto; l-arma tal-Arċikonfraternità Trinitarja; u Pjazza Plesbiscito, wara tal-knisja Sta M della Tomba*

Sulmona hija belt ta' madwar 25 elf ruħ fil-provinċja ta' L'Aquila fir-reġjun Abruzzo fl-Italja. L-ewwel li ssemmiet din il-belt kien fi żmien it-tieni gwerra Punika meta l-ġeneral Kartaġiniż Annibale ħarbat l-art ta' madwarha iżda bla ma mess il-belt infisha fis-sena 211 QK. F'din il-belt twieled il-poeta Publius Ovid Naso (li twieled fl-20 ta' Marzu 43 qabel Kristu u miet fis-sena 17 jew 18 wara Kristu). Il-belt tgawdi minn bosta nixxiegħat tal-ilma u fix-xitwa tagħmel kesħa kbira.

Il-Kristjanita waslet hemm fit-tielet seklu u l-qaddis patrun tal-belt huwa San Panfilo li laħaq isqof ta' Sulmona fis-sena 682AD u miet fis-sena 706AD u jinsab midfun fil-katidral tal-istess belt. Fis-sena 1706 Sulmona kważi nqerdet minn terremot, għalkemm mhux kull bini ġġarraf. Fost il-bini li baqa' wieqaf hemm il-knisja ta' Santa Maria della Tomba, il-Palazz Annunziata, l-Akwedott u l-bieb Gotiku fil-Corso Ovidio.




Dailies
~ FOOD STORE ~
opening hrs
monday to saturday from 7.30 to 20
sunday 8.00 to 19.00
tel nr 27133458


HairFactory
" Dynamic & Versatile, Clinton Attard at Hair Factory.
My crazy hairstylist keeps me smiling
before my shows and gives me
a fresh look anytime "
Yuva House of Beauty
embraces client care as paramount and every effort is made by our fully qualified Stylists, Therapists
and Professionals to ensure an indulgent treatment is experienced by every client, every time.
This attention to detail ensures our clients have an enjoyable, relaxing experience
from our massage, facials, pedicures and manicures through to our waxing,
tinting services, nutritional advice, a hair cut or a blowdry.
OFFER
On presentation of this advert
Deluxe Facial & A Deep Hair Treatment
with a relaxing Scalp Massage for only
€40 instead of the full price of €58
At Yuva House of Beauty you will step into
a haven of tranquility, with a soft candle
lit atmosphere of calming music and
the pleasant aroma of essential oils.
Stress and worries melt away, under
the care of Yuva Beauty Therapists
yuva
HOUSE OF BEAUTY
Vjal il-Helsien, Zebbug | Tel: 2146 3622
www.yuvamalta.com | facebook: yuva house of beauty

# Riflessjonijiet Dwar is-Seba' Kelmiet ta' Ġesù fuq is-Salib

**Min-Nutar Dr Philip Ellul**
**LL.B., Dip. Not. Pub., LL.D., CLJ**






**1. "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."**

Missier, dawwar ħarstek u sawwab il-ħniena bla tarf Tiegħek fuq dawk kollha li qed iħufu fil-baħħ u fid-dlam. Ixgħel qlubhom, moħħhom u l-kuxjenzi tagħhom; agħtihom il-kapaċità li jweġbuk, b'responsabbiltà u b'imħabba, u joqogħdu attenti għall-vuċi Tiegħek li titkellem permezz ta' Ibnek Ġesù. Agħmel li lkoll, f'Ibnek, ikunu lesti li jgħidulek: "isseħħ ir-rieda Tiegħek, u mhux ir-rieda tiegħi".

**2. "Illum tkun fil-Ġenna miegħi."**

Missier, anke jien nista' nqis lili nnifsi bħal ħalliel imsallab mas-salib tan-nuqqasijiet u d-dnubiet kollha tiegħi. Iżda twelidt mill-ġdid hekk kif ilqajt il-Kelma ta'



Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2744 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop)**
**Mob: 9994 3394, 7744 0373**



Ibnek fuq is-Salib. Illum se nkun fil-Ġenna ma' Ġesù, f'Dar il-Missier. Huwa ritorn mimli uġigħ il-qalb, iżda mbierek.




### 3. "Mara, hawn hu ibnek. Ġwanni, hawn hi ommok."

Id-dixxiplu l-maħbub jintelaq fi ħdan l-Omm. L-Omm tintelaq fi ħdanu. L-Omm, b'qalbha mifnija bid-dulur u bis-sogħba, iżda fuq saqajha, wieqfa u preżenti b'ruħha u b'ġisimha taħt is-Salib. Taqsam b'mod sħiħ il-Misteru ta' Binha, il-Kristu, sa mit-tnissil Tiegħu f'ġufha mill-aktar Qaddis, u li issa laħaq il-qofol tiegħu f'mument kruċjali mfawwar bin-niket. L-Omm turi qawwa u kapaċità liema bħalha li taqsam u tipparteċipa b'imħabba fid-dulur tal-ommijiet kollha ta' kull żmien, biex dawn ma jaqtgħux qalbhom, ma jħossuhomx mirbuħa mit-telfien u ma jintelqux rassenjati taħt is-salib ta' uliedhom, iżda jiftħu qalbhom beraħ għat-tama u l-ħniena.

Fi Ġwanni jidher is-saċerdot. U dan huwa ġust, tabilħaqq, għax is-saċerdoti huma l-magħżulin u l-maħbubin ta' Alla; ir-rgħajja l-ġodda tal-merħla.




Iżda l-kobor, il-wisa', it-tul u l-profondità tal-imħabba ta' Alla jestendu l-frott ta' dan ir-rapport daqstant intimu għall-umanità kollha; għal kull min irid jintelaq fi ħdan l-Omm; għal kull min irid tassew isir dixxiplu maħbub ta' Alla.

Jikkunslana l-fatt li wieqfa taħt is-Salib nilmħu wkoll lill-Maddalena. Id-dulur tagħha huwa aktar kompost u ruħha, minkejja li ħielsa mill-ħażen, għadha tinħass imtaqqla bil-konsegwenzi tal-istess ħażen. Iżda hi qiegħda hemm ukoll; ma nħbitx; ma ħarbitx. U tkun hi l-ewwel waħda li tiltaqa' mal-Imgħallem, il-Mulej Irxoxt. Hi għandha bżonn taraH, u għalhekk il-Mulej ma jinħebilhiex; anzi jidhrilha.

# SCISSORS SOUND

by Mary

89, Triq Santa Marija,
Żebbuġ
Tel. 79989031

Opening hours:
Monday closed
Tues/Thurs: 9.00-12.00, 3.00-6.00pm
Wed: 9.00am - 2.00pm
Fri /Sat: 9.00am – 6.00pm

# Express
## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*
**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**

## 4. “Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?”




Din hija solitudni abissali; bil-wisq aktar profonda u drammatika minn dik tal-Ġetsemani – ikkonfortata mill-anġlu u mill-għarfien li Ġesù kien qed iwettaq ir-rieda tal-Missier. Hawn, fuq is-Salib, naraw id-dispramen t tan-natura umana quddiem il-misteru tal-mewt. Il-bniedem jgħix is-silenzju ta’ Alla daqslikieku huwa abbandun; il-mument tad-dlam u l-waqt l-aktar iebes tal-prova. L-abbandun li ħass Ġesù jista’ b’xi mod jitqabbel mal-għotja suprema ta’ Alla nnifsu għall-bniedem. Għotja immensa għal imħabba immensa. U Alla li qiegħed ibati f’dak il-waqt suprem, min jista’ jikkunslaH?

Wieħed jista’ jgħid li Alla, fil-perfezzjoni assoluta Tiegħu, ma jista’ qatt ibati. Iżda b’imħabba, Alla għażel li jitlibbes bl-umanità tagħna u jieħu fuq spallejH tbatijietna kollha sal-aħħar. B’liema mħabba akbar minn din nistgħu qatt inkunu maħbuba?!

## 5. “Għandi l-għatx!”

Alla għandu l-għatx għall-erwieħ. L-erwieħ għandhom l-għatx għal Alla.




Mulej, agħmel li l-erwieħ kollha tal-bnedmin jagħrfu dan l-għatx u jisimgħu u jwieġbu għall-għajta Tiegħek. “Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob … min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta’ ilma li jagħti l-ħajja” (Ġwanni 7:37-38).

Mulej, jien għandi l-għatx għall-ilma li jnixxi mill-kustat minfud Tiegħek u mid-demm li Int xerridt għalija sal-anqas qatra. Int it-Tempju; anzi l-Għajn li minnha joħroġ l-Ilma tal-Ħajja. Għerriqni, Mulej, b’dan l-Ilma li llum qed nirċievi taħt is-Salib Tiegħek.

Għal darb’oħra, il-kobor, il-wisa’, it-tul u l-profondità tal-imħabba ta’ Alla, li jisbqu kull limitu, jagħmluha possibbli li dan il-misteru



Cute

Professional Artistic Nail Studio

Joan
Professional Nail Artist
For an appointment call:
Mob: 79202526 / 77202526
Tel: 27202526
Freedom Avenue, Zebbug ZBG 2072

Paul
Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road,
Żebbuġ, Malta

Tel: 2146 6615

THE ROSE SHOP

24 Hours Delivery
Service 7 days a week

New Street, Qormi
Tel: 2148 3341
Ray: 9945 8532
Mike: 9946 6696



jitwassal, jiġġedded u jkun preżenti kull darba li nsibu ruħna taħt is-salib ta' dawk ħutna li niltaqgħu magħhom fil-mixja ta' ħajjitna; tal-familji tagħna u tad-dinja kollha li tidħol f'darna permezz tat-televiżjoni, tar-radju u tal-mezzi l-oħra ta' komunikazzjoni. U anke dak li ma narawx u ma nisimgħux, jidħol f'qalbna wkoll, għax jekk insibu post fil-qalb ta' Alla, nesperjenzaw il-ferħ u t-tbatija tad-dinja kollha.

**6. "Kollox mitmum!"**

"... u ħabbhom għall-aħħar".

Dak li ħabb sal-aħħar, li ta lilu nnifsu sal-anqas qatra demm u sal-aħħar nifs ta' ħajja, u li tana l-Ħobż Ħaj li niżel mis-sema fl-Ewkaristija, seta' jgħid, quddiem Missieru u quddiem id-dinja kollha, li wassal fi tmiemu l-pjan li għalih Hu ġie fid-dinja. Bin il-Bniedem kien lest sabiex imur lura fid-Dar ta' Missieru.




**7. "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi."**

Qabel ma ta l-Ispirtu Tiegħu lura lil Missieru, Ġesù Kristu ta lilu nnifsu għalina. Għotja sħiħa, sal-aħħar nett, mingħajr ma żamm xejn għaliH. Għotja ta' mħabba divina, immensa, unika u singulari.




Missier, anke jien nerħi f'idejk l-ispirtu tiegħi – li mhux tiegħi, iżda Tiegħek, għax ġej minnek – f'dawk l-Idejn Qaddisa li jilqgħu, isawwru, imellsu, joħolqu, jagħfsu, iseddqu, ibierku, ifejqu, jgħollu u jiġbdu lejhom.

Missier, il-ħniena Tiegħek hija bil-wisq akbar minn qalbi. Hija kbira ħafna l-miżerja u d-dgħufija tiegħi; iżda ferm akbar minn hekk hija mħabbtek għalija.

Ikun dak li trid Int, Missier, kif fis-sema, hekk ukoll fl-art.

Agħmel li f'qalbi ma jkunx hemm aktar ostakli ta' biża', ta' egoiżmu, ta' nuqqas ta' fidi Fik. Agħmel li sseħħ ir-rieda Tiegħek f'kull waqt

ta' ħajti. Agħmel li qalbi tixxierek mal-Qalb Tiegħek, bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu.

Missier, ma' Ibnek Ġesù u bl-interċessjoni ta' Ommu u Ommna Marija, li Int għażilt biex tkun l-Għajn li minnha jnixxi, għas-salvazzjoni tagħna, l-Ilma tal-Ħajja, jiena nintelaq fi Ħdanek u nagħtik lili nnifsi: dak li jien u dak li għandi.


# Żebbuġ Stationers & Newsagents

*For all kinds of stationery, magazines, books, a large selection of greeting cards, toys, gifts, watches, lamination, photocopying service, digital printing, developing and printing of films and more ....*

**Sciortino Street, Żebbuġ • Tel: 21466076, 21462545**



# Illum il-Ġimgħa l-Kbira…

## Riflessjoni dwar ir-realtà tal-2014

**Minn Brian Bonnici**



Illum il-Ġimgħa l-Kbira… il-jum li fih qed infakkru l-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu… U donnu llum mhux jum bħall-oħrajn… Waqt li l-pjazez huma mimljin bin-nies, fit-toroq hawn ċertu sikta u kalma…Tgħid għaliex Illum mhux jum bħall-oħrajn? …Forsi għax hija festa u btala mistennija?… Tgħid għax se nqattgħu ġurnata nduru u niġġerrew minn raħal għal ieħor u minn knisja għall-oħra bl-iskuża tal-visti u l-vari?… Jew forsi minħabba li għal darba f'sena t-toroq tagħna se jispiċċaw teatru tat-triq? …Sadanittant jien u ħiereġ mid-dar rajt lill-ġar jgħabbi l-karozza bil-BBQ u b'kulma hu meħtieġ… qalli li sejjer piknik għax illum il-Ġimgħa l-Kbira… Imma piknik fil-Ġimgħa l-Kbira?…

U għalfejn qed niskanta? Ftit 'il bogħod ilmaħt xi ħaddiema jtellgħu t-torba f'post li għadu ġebel u saqaf… Mela llum mhux suppost nieqfu u ma naħdmux?

Kos… għadna nemmnu li llum huwa jum speċjali jew almenu jum partikolari u mhux bħall-oħrajn…? U fuq kollox għaliex għandu jkun jum speċjali? Speċjali għax vaganza jew għax kif ġejna mgħallmin minn ċkunitna fil-klassi tad-dutrina bħal-lum madwar 2000 sena ilu Bin il-Bniedem xerred demmu għalina u fdiena ?…

Il-Ġimgħa l-Kbira hi festa bħall-oħrajn mogħnija bi tradizzjonijiet… ritwali …ikel u rwejjaħ jew hija tifkira solenni t-tiġdid ta' ġrajja feddejja? Għadna nemmnu tassew li dan hu l-jum li fih bil-passjoni tiegħu Sidna Ġesù Kristu Salvana mit-telfien tad-dnub?…

Suppost illum hu jum ta' sawm u astinenza, suppost illum hu jum ta' luttu… hu jum ta' riflessjoni… Jum ta' skiet… Jum ta' faraġ, ta' tama u ħniena… Jewwilla l-qniepen mhux għalhekk siktu? Qed tinnutaw bħali…? Donnu li llum il-knejjes huma mimlija bin-nies aktar mis-soltu… Dawn minn fejn inqalgħu? Dawn huma fidili u devoti jew huma spettaturi u osservaturi ta' opri artistiċi fl-injam u l-kartapesta?… X'ġew jagħmlu hawn, biex jitolbu jew b'ħarġa u divertità?… Tgħid dan għax hija l-Ġimgħa l-Kbira u allura nistgħu u jixraq li

# Hairmony

RITIENNE'S UNISEX HAIR STUDIO

TEL: 27130306
MOB: 99854711

**Hairmony**
**Paris Street,**
**Zebbug**

Tel : 27130306
Mob: 99854711

**Hairmony Ritienne**

**Opening Hours :**

| | |
|---|---|
| Mon | 9.00 - 18.00 |
| Tue | 9.00 - 18.00 |
| Wed | by appointment |
| Thu | 9.00 - 14.00 |
| Fri | 9.00 - 18.00 |
| Sat | 9.00 - 17.00 |

**Get a free hair treatment or a free scalp massage on mention of this advert when booking a cut and blowdry**
***Offer Valid from Mon-Frid within opening hours above***



# dreaming of purchasing a new car?

Talk to us today.

*Your success is our goal.*

**BOV PERSONAL LOANS**
**2131 2020 | bov.com**
**Send a blank sms to 7969 6975**
**(normal SMS tariffs apply)**

Personal Loans are subject to normal Bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply.

Issued by Bank of Valletta p.l.c. 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta

**BOV**
Bank of Valletta

noħduha kontra n-norma u l-kurrent… Dan kollu jistogħna u hu bil-kontra ta' dak li ilna nisimgħu fl-aħħar snin, jigifieri li l-attendenza tan-nies fil-knejjes qed tonqos drastikament… Li l-knisja Maltija għaddejja minnn emoroġija li hi aktar qawwija minnn dik ta' Kristu fil-Passjoni…

U le kemm qed inkun pessimist… Qed nilmaħ xi wħud niedma u sogħbiena… fosthom hemm anzjana liebsa l-iswed mixħuta fuq bank quddiem l-Aċċjomu… tidher imbikkma, sogħbiena u qed tikkontempla t-tingiż tax-xewk… Waqt li qed tipparaguna l-Ġimgħa l-Kbira tat-tfulita ma' dik tal-lum. Il-kulur iswed tal-libsa jistogħna sew mal-kuluri jixgħelu ta' lbies iż-żgħażagħ miksijin bil-makeup u b'xagħarhom iġġeljat… żgħażagħ li xi wħud minnnkom jiddieħqu u jiċċaċraw biswitha bla ebda ħjiel u diċenza li qegħdin fi knisja. B'kuntrast fil-qrib hemm oħrajn li qed ifakkruni wkoll f'dawk il-qaddisin li qattgħu ħajjithom jikkontemplaw il-passjoni ta' Kristu u li donnu għal jum wieħed f'sena qed jagħrfu u jiżnu l-piż ħtijiethom. …Nittama li dan ma jkunx mill-Milied sa San Stiefnu.

Sadanittant qed nilmaħ għajta nies miexja wara salib. Qed jitolbu… imma hemm ukoll minn qed jitkellem u jikkummenta dwar id-difett tal-vari… jew fuq is-salib u s-saram tal-ġirien… Fost dawn id-devoti konservattivi hemm uħud li ssieħbu ma' għajta f'ritwal annwali sempliċiment biex iserrħu l-kuxjenza u biex iwettqu dak li ġew mgħallma jagħmlu f'jum il-Ġimgħa l-Kbira… Jista' jkun ukoll li hemm xi wħud li waqt li f'idejhom għandhom il-ktieb tal-Visti bl-istampa tar-Redentur, f'moħħom qed jinsġu ġrajja oħra tal-Passjoni… Qed iħejju kif jikkundannaw u jsallbu u jgħabbu l-għuda lil xi ħadd qribhom u f'nofshom stess… Jista' jkun li r-Redentur hu xi ħadd minn dawk li qiegħed iterraq u jagħmel il-visti magħhom? Allura t-tradiment ta' Ġuda u ċ-ċaħda ta' Pietru ma kienux biżżejjed biex jgħallmuna? Jew lesti nilagħbu mad-destin u għal xortina u ta' għajrna akkost li nħossu l-ħabel jagħfas m'għonqna?

Iċ-ċuqlajta m'għejjietx iddur u semma' leħinha… Kif tridha tgħejja jekk ilha sena rieqda u wieqfa?… Sikta u sogħba… X'sikta u sogħba?… Illum mhux bħal dari… nofs l-istazzjonijiet lokali tar-radju lanqas biss indunaw li llum il-Ġimgħa l-Kbira u għadhom idoqqu l-istess diski… tas-soltu… għadhom għaddejjin bir-riklami tas-soltu u l-istazzjonijiet televiżivi għadhom iwasslulna t-*teleshopping*!!! X'differenza minn ftit snin ilu!!! Għad jiġi żmien li dan il-jum jispiċċa u jkun jum bħall-oħrajn, bid-differenza li tkun jum ta' festa u btala.

F'dal-jum ta'sawm iz-zuntier tal-knisja u l-madwar huwa mdawwar bil-bejjiegħa b'tilari mburġati bil-qagħaq tal-Appostli, karamelli… u l-*hot cross buns*. Ċertu ħwienet fetħu xorta u mlew il-bankini tagħhom bil-prodotti fosthom qsari u figolli…

“Dir-riħa qasmitli qalbi… u iva mbilli nieħu gidma u nsoff karamella ma fiha xejn”

“ U mbilli llum il-Ġimgħa l-Kbira… X’fiha ħażin li nixtri nofs tużżana pastizzi tal-inċova u niddevorahom?… L-importanti li nsumu u nżomm ukoll mat-tradizzjoni…

Iva… illum se nsumu u nosserva t-tradizzjoni. Parti mis-sawma tinkludi r-ritwal li f’nofsinhar niltaqgħu l-familja kollha madwar mejda waħda biex nieklu furnata ħobż tal-Malti mħawra biż-żejt… jew nimpikaw bejnietna u ma nħallux ravjula waħda f’borma ravjul biz-zalza… Jekk wara ma nġibux fix-xejn torta tal-piżelli jew l-irkotta… Anzi jekk irridu nkun iktar fini, għax m’aħniex tal-ħobż biż-żejt… ejja nfaqqgħulu ikla ħut kif tmiss il-liġi… xi biċċa pixxispad, salamun jew qarnit biz-zalza jinżlu għasel… …u bħala *starter* nieklu borma bebbux bl-arjoli… U viva l-Ġimgħa l-Kbira!!!

Għadda mit-triq żagħżugħ b’karozza bis-*sound full on*… Viva l-*base*.

”Mela dan ma jafx li llum il-Ġimgħa l-Kbira u suppost hu jum ta’ skiet u ġabra… Almenu messu għandu d-diċenza li mqar idoqq xi żewġ marċi funebri ta’ Melilli”

*“No woman no cry”* jisimha d-diska li qed idoqq… Tixraqx hux? Wara kollox dan huwa l-jum ta’ niket u biki… huwa l-jum li fih bkew bosta nisa fosthom Marija Addolorata, il-Madalena, in-nisa twajba u l-Veronika…

Sadanittant fil-knejjes Kristu għadu mbiċċer u mdemmi għadu jissawwat u jbati… għadu jaqa’ u jqum… jissallab u jibki… bla ma qed tinduna… Għax Kristu jinsab biswitek fil-flat ta’ maġenbek, fid-dwejra tal-qrib u fil-ħanut tax-xorb li llum reġa’ fetaħ il-bibien qisu qatt ma kien xejn… Fejn hija l-faxxa sewda mal-bibien tal-ħwienet? Fejn huma l-bibien miftuħin fuq bieba waħda… anzi hemm bandiera mezz’asta. Il-*bars* tal-każini għadhom qed iservu l-*whiskey*… anzi kapaċi llum ibiegħu aktar mill-ġimgħa li għaddiet… Għax illum il-Ġimgħa l-Kbira… U għax hi l-Ġimgħa l-Kbira l-Kunsill ġedded il-permess tal-bejjiegħ tal-gabbana tal-*hot dogs* u l-*burgers*… u la nzerta bnazzi anke xi ġelat issib tixtri.

U waqt li Kristu qed itenni s-seba’ kelmiet u jokrob bl-għatx xi wħud huma diġà mxengla u qed jipprattikaw il-pass tar-reffiegħa tal-vari. Rajt raġel li x-xorb diġà telgħalu sew għal rasu… Saħan u tmasħan sew, qed jargumenta fuq l-irfigħ tal-vari u l-ġbir għall-ispejjeż tal-fjuri… Anzi tant hu mbaqbaq li lill-kappillan diġà nizżillu r-razza u r-radika bil-mejtin b’kollox… U dan għax il-kappillan wissieh li jekk ma jagħmilx moħħu hemm ma kienx se jħallih jerfa’ fid-Duluri… Tgħid mhux hekk!!! Il-bastun wirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra u barra minn hekk ġabar il-punti kollha meħtieġa li poġġewh fuq quddiem tal-

lista ta' dawk eliġibli biex jerfgħu… U waqt dan it-tbaqbiq kollu, bejn grokk u ieħor smajtu jżarrat tnejn b'Omm il-feddej li se jerfa' waqt il-purċissjoni. Dan waqt li xeba' jargument u jġib provi li hu ma falliex la quddiesa, la purċissjoni u lanqas irtir wieħed bl-għan li jiġbor u jkattar il-punti għall-irfigħ fil-Ġimgħa l-Kbira.

Illum il-Ġimgħa l-Kbira u fit-toroq ħarġu r-Rumani bil-kurazzi leqqiena… Kostumi li aktar ifakkruk f'Ben Hur jew f'xi parata kolossali u grandjuża tar-Rumani… Kurazzi leqqiena miksijin fosos …ilbies leqqien kollu ċekċik u ktajjen… X'ma jħobbx il-Ġimgħa l-Kbira dak li qed jaqla' x'jiekol mill-kurazzi… Illum il-Ġimgħa l-Kbira u għadd ta' tfajliet ilhom minn filgħodu għand tax-xagħar u tal-makeup biex għall-purċissjoni jidhru sbieħ bil-libsa tal-irġejjen… Pika minn jiġbed l-għajn u jidher l-isbaħ u dan waqt li f'nofshom u bejniethom ipassu bil-mod il-vari mdemmija u mbikkija ta' kristu għeri u mbiċċer.

Illum il-Ġimgħa l-Kbira u l-pjazza hi mimlija siġġijiet biex fuqhom joqgħodu komdi l-Maltin u t-turisti li jiġu jassitu għall-purċissjoni-*pageant* jew aħjar għall-ispettkalu annwali tal-Passjoni… Viva t-*tour operators* li bis-saħħa tal-mewt ta' Kristu iedu event annwali fil-kalendarju turistiku tagħhom…. Quddiem dan kollu nistaqsi - Imma x'inhi tassew il-Ġimgħa l-Kbira? U liema hi l-veru Ġimgħa l-Kbira… dik ta' dari jew tal-lum… Dik li hemm fl-Isptar u fil-ħabs jew dik li bħalissa qed itterraq fit-torq akkumpanjata mill-banda?

Sbieħ il-*pageants* u sbieħ il-purċissjonijiet u jalla jibqgħu jsiru… Imma hu ferm isbaħ li nippriservaw il-Ġimgħa l-Kbira kif iwritniha mingħand ta' qabilna… Ir-rittmu tal-ħajja moderna ħakimna u ġera bina biddilna u biddel din t-tradizzjoni u tifkira solenni fi spettkalu… Kultant ftit grottesk ukoll…

U waqt li minn quddiem il-bieb ta' daru għaddejja l-purċissjoni, iż-żagħżugħ qiegħed f'kamartu fuq il-*facebook* …. Qed jisma d-diski tas-soltu, waqt li qed jara programm televiżiv fuq stazzjon barrani għax l-istazzjonijiet televiżivi Maltin dejjquh u se jqabbżuhielu jġibu l-purċissjonijiet u l-*pageants*… Mhux xorta… X' hemm differenti mbilli llum hi l-Ġimgħa l-Kbira!!… Anzi sa jinżel sal-kċina u jaqsam biċċa figolla…

U int għadek temmen li llum il-Ġimgħa l-Kbira?

**Nota tal-Editur**

Għalkemm hija vakanza pubblika, il-Ġimgħa l-Kbira mhix festa kkmandata. Jiġifieri m'hemmx obbligu li ma jsirx xogħol. Fl-antik dan l-obbligu kien imħares skrupulużament fil-festi kkmandati imma mindu daħal x-xogħol bix-xift u żdiedu ħafna s-servizzi li jridu jibqgħu għaddejjin bla waqfien lejl u nhar kuljum, il-ħarsien ta' dan l-obbligu naqas ħafna.


White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
St Bernard Street, Marsa HMR 12, MALTA.
TEL: (+356) 245 512 FAX: (+356) 247 374.
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local importers and exporters
Your own agent in Malta ...and Beyond
Apart from its services to the Petrochemical Industry, providing anything from personnel transfers to storage, from pipe inspections to offshore activity, the company also renders services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight, Customs clearance and deliveries to/from door, Container de/stuffing, Customs-bonded warehousing for Transhipment Cargo, Handling Plant & Machinery and Heavy Lifts are amongst the services offered both to its local and international clients.
Visit our website or call our marketing department to find out more about
Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com







# Mill-Karnival għar-Randan

**Kav. Joe. M. Attard**

**Għalkemm qsajjar reġa' magħna**
**Dan l-imqarqaċ xahar ta' Frar**
**Illi skont misserijietna**
**Jingħad li jfawwar il-bjar!**

**Dan ix-xahar dlonk iġib miegħu**
**In-Nawfraġju ta' San Pawl –**
**Dak l-Appostlu li ġabilna**
**Ta' twemminna l-akbar dawl.**

**Jumejn wara jfeġġu fuqna**
**Il-jiem sbieħ tal-Karnival**
**Meta fl-*enclosure* jinġabru**
**Nisa, rġiel, żgħażagħ u tfal.**

Għadna kemm ħerġin minn dawn il-festi folkloristiċi u kkuluriti li skont l-istoriċi ilhom magħna sa ma qabel fostna waslu l-Kavallieri ta' San Ġwann. Naħseb li kulħadd iħobb jiddeverti xi ftit u għalhekk m'hemm xejn ħażin li tal-inqas darba fis-sena, dak li jkun jinsa r-rutina ta' kuljum u jitbellah xi ftit iktar mis-soltu. Fil-gżira oħtna hemm diversi persuni li dawn il-festi ta' bluha u xalar jeħduhom bis-serjetà u jagħmlu kważi s-sena kolha jaħdmu fuq karrijiet u 'floats' trijonfali ta' livell artistiku tassew għoli, u allura jagħmel sewwa l-Gvern jara kif jagħmel u jipprovdilhom fejn jaħdmu għax fost dawn issib xi wħud li dan il-mestier huwa l-istess ħobżhom. Għalkemm fuq skala iżgħar, Għawdex tagħna wkoll huwa nieqes minn dak l-ispazju adegwat fejn l-artisti u d-dilettanti tagħna jistgħu juru x'jafu u x'kapaċi joħolqu biex jipprovdu spettaklu matul dawn il-ħamest ijiem ta' kulur u allegrija. Sewwa kieku dan iż-żmien tas-sena jżomm fl-għoli l-livell artistiku, rikreattiv u kulturali tiegħu u ma naqgħux f'ċerti ħmerijiet u bluh li ma jagħmlulniex unur bħala poplu nisrani, kult u edukat. Bla dubju dan ma jiġrix fil-Karnival organizzat mill-Gvern Ċentrali, iżda fil-Karnival spontanju li jsir f'bosta mit-toroq u l-imsieraħ tagħna. Lanqas nixtieq niġġeneralizza, għax ftit ikunu dawk it-talin li jinħbew

taħt il-maskra biex juru għerfhom jew aħjar l-injoranza grassa tagħhom. Dawn l-affarijiet m'għandhomx ikunu; nistgħu niddevertu u nixxalaw bla ma nweġġgħu s-sentimenti ta' ħadd u bla ma nagħtu fastidju lix-xemx għaddejja, lill-ebda maħluq! Anzi jiena nemmen li iktar ma nkunu oriġinali fil-kostumi u fl-imġiba tagħna, iktar se npaxxu l-għajn u l-ħsieb u nagħtu pjaċir lil min ikun qed jarana. Min ma jiftakarx lil Fredu l-Leverist, għannej u makkjettista Għawdxi bil-mustaċċi, idur mat-toroq ta' beltna jkaxkar bieb warajh bħalma kien għamel dak l-imbierek ta' Ġaħan; min ma jiftakrux f'sena oħra liebes u miżbugħ nofsu abjad u n-nofs l-ieħor iswed! Insejtuh lil Ġużeppi Ballucċi, ħajjat fl-inħawi ta' fejn San Ġorġ, jaqbeż u jiżfen flimkien ma' għadd ta' tfal u żgħażagħ żeffiena. Dan ma kienx Karnival ħelu u li jagħtik pjaċir!

Iva ħbieb għalhekk jiġi żmien il-Karnival, biex wieħed jinsa għall-mument il-problemi u l-uff… tal-ħajja u jidħak bil-qalb bla ebda biża ta' pastażati u ħamallaġni li żgur ma jieħu gost bihom ħadd.

**Jalla dawn il-festi jibqgħu**
**Bil-ferħ jimlew qalb in-nies!**
**Basta l-briju w l-allegrija**
**Isiru bl-għaqal u l-qies!**

U importanti li mad-daqqa niżfnu u niddevertu għax wara dawn il-jiem ta' ġiri u bluha, (anke t-tfal tal-iskola jkollhom jumejn vaganzi) jiġu fuqna erbgħin jum ta' penitenza, sawm u astinenza – ir-Randan, żmien iebes u li għandu jdaħħalna f'qoxritna u nagħmlu ftit eżami tal-kuxjenza u ngħarblu lilna nfusna u naraw fejn tinsab il-qagħda tagħna, fejn marru l-valuri tagħna.

**L-għada, l-aħwa addio ġiri**
**Ma' wiċċna jfeġġ ir-Randan –**
**Jiem ta' sawm u astinenza**
**Neħtiġuh, ħbieb żmien bħal dan!**

Kbar u żgħar għandhom jippruvaw jifhmu l-vera tifsira tar-Randan Imqaddes u jaraw li s-sens ta' sagrifiċċju jagħmel parti minn ħajjithom f'dan iż-żmien. Sa l-istess Kristu ħass il-ħtieġa li jitbiegħed minn ħbiebu u mill-folol u jidħol daħla fih innifsu (mhux għax kellu bżonn: dan kien l-Iben t'Alla) u mar erbgħin jum fid-deżert fejn biex tagħqad sab lix-xitan jittentah. Kulħadd jista' jagħmel b'xi mod xi tip ta' sagrifiċċju; mit-tfal sal-adulti u forsi saħansitra l-anzjani u l-morda, li jistgħu joffru s-solitudni u l-mard tagħhom bħala tpattija għal tant offiżi u dnubiet li jirċievi l-Imgħallem Divin.



*Pittura tal-Kurċifissjoni magħmula minn Pawlu Camilleri Cauchi*

Kif għidna iktar 'il fuq f'din il-kitba, Frar iġibilna miegħu l-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, dan id-dixxiplu li ra l-għarqa fuq ix-xtut tagħna biex ixandar lil Kristu u li mill-ewwel għaraf l-iżball tiegħu u minn persekutur sar difensur ta' Kristu. X'ma rax ma' wiċċu Sawlu ta' Tarsu biex iwassal l-aħbar it-tajba! Ħaġa kbira aħna wkoll nippruvaw inbatu xi ftit, nagħmlu xi ftit tal-penitenza f'dan iż-żmien għażiż tas-sena. Din tista' tieħu diversi forom; l-importanti li jkollna l-intenzjoni.

**F'dan iż-żmien għażiż tas-sena**
**Għandna ħafna drawwiet sbieħ**
**Li jagħżluna minn ġnus oħra**
**Tas-smewwiet dawn il-muftieħ.**

**Niesna ssum qatigħ u titlob**
**Tul il-ġranet tar-Randan –**
**Erbgħin jum ta' penitenza**
**Għalhekk jiġi żmien bħal dan.**

**Għarkubbtejha tirrifletti**
**Minn kemm għadda tbatijiet**
**U fit-Triq tas-Salib tilmaħ**
**Kristu fl-istazzjonijiet.**

Kif rajna hemm qabża kbira mill-Karnival għar-Randan. Naturalment waħda ma teskludix lil oħra; kollox irid ikun; fil-ħajja hemm post u ħin għalkollox sakemm kif għidna, kollox isir bil-qies. Wara d-divertiment, jiġi ż-żmien tar-riflessjoni. Ejjew nagħmlu użu tajjeb minnu u ma nintilfux wara l-qoxra ta' ħafna drawwiet sbieħ u għeżież, imma nidħlu fil-qofol u s-sustanza ta' dawn il-jiem li jfakkruna fit-tbatija ħarxa li minnha għadda Kristu Ġesù biex jifdina u jsalvana.

**Jalla daż-żmien qaddis jiġi**
**U jimliena bil-barkiet**
**Illi Kristu bil-Passjoni**
**Tiegħu lilna għamel ulied.**

*Victoria ~ Għawdex*


# Każin Banda San Filep

Andre Vella il-Barman ġdid
ċemplu fuq 9966 4561

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb u mal-familja b'appetizers mill-aqwa.*

*Ikliet f'kull ħin f'post komdu.*

# Il-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep AD 1851

## kienu inawgurati minn dawn il-persunaġġi

| | | |
|---|---|---|
| 1994 | Dr. Ugo Mifsud Bonnici | President tar-Repubblika |
| 1995 | Mons. Sebastian Laboa | Nunzju Apostoliku |
| 1996 | Mons. Annetto Depasquale | Vigarju Ġenerali |
| 1997 | Dr. John Attard Montalto | Ministru tal-Industrija |
| 1998 | M. Patrick Amiot | Ambaxxatur Franċis |
| 1999 | Dun Karm Gatt | Direttur Spiritwali tal-Każin |
| 2000 | Is-Sur Anton Tabon | Speaker tal-Parlament |
| 2001 | Dr. Tonio Borg | Ministru tal-Intern |
| 2002 | Mr. Michael Macy | Rappr. Tal-Ambaxxatur Amerikan |
| 2003 | ma saritx ċerimonja tal-ftuħ minħabba l-elezzjoni ġenerali | |
| 2004 | M. Patrick Chrismant | Ambaxxatur Franċiż |
| 2005 | Mons. Felix Blanco de Priete | Nunzju Apostoliku |
| 2006 | Mr Brian Bonnici | Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ |
| 2007 | Mrs Doreen Attard Montalto | Presidenta Onorarja tal-Każin |
| 2008 | Patri Luċjan Borg | Provinċjal tal-Agostinjani |
| 2009 | Mons Ġużeppi Mercieca | Isqof Emeritus ta' Malta |
| 2010 | Mons Karm Attard | eks-Kappillan tal-Qrendi |
| 2011 | L-Onor Dolores Cristina | Ministru tal-Edukazzjoni |
| 2012 | Mons Ġwann Azzopardi | Kuratur tal-Mużew Wignacourt |
| 2013 | Profs. Oliver Friġġieri | Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università |
| 2014 | Is-Sur Alfred Grixti | Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ |
| 2015 | Mons Aldo Cavalli | Nunzju Apostoliku |


UIA
UNTOURS
INSURANCE
AGENTS
WE PROTECT YOUR VALUES
QICI
QIC International LLC
Call us on 2559 8000 - insurance@untours.com.mt
The company is regulated by the Malta Financial Services Authority and authorised to act as an
insurance agency for QICI. QICI are rated A+ by Standard and Poor's

Is-Sindku, il-Viċi-Sindku,
Kunsilliera, Segretarja Eżekuttiva u
l-Ħaddiema tal-Kunsill Lokali
ta’ Ħaż-Żebbuġ jixtiequ
l-Għid it-Tajjeb lill-familji Żebbuġin kollha.

